

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Qrati Ordinarji Nazzjonali](#)
> [Cyprus](#)

Qrati ordinarji nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut
minn
Ċipru

Ċipru



Hemm żewġ livelli biss ta' qrati fir-Repubblika ta' Ċipru. Il-Qorti Suprema (*Ανώτατο Δικαστήριο*), li tisma', fit-tieni istanza, il-kawżi kollha li fihom isiru appelli kontra deċiżjoni ta' qorti tal-prim'istanza, kif ukoll il-qrati tal-prim'istanza li ġejjin:

- Il-Qorti Amministrattiva (*Διοικητικό Δικαστήριο*)
- Il-Qrati Distrettwali (*Επαρχιακά Δικαστήρια*)
- Il-Qrati Kriminali (*Κακουργιοδικεία*)
- Il-Qorti tal-Familja (*Οικογενειακό Δικαστήριο*)
- It-Tribunal għall-Kontroll tal-Kera (*Δικαστήριο Ελέγχου Ενοικιάσεων*)
- It-Tribunal għat-Tilwim Industrijali (*Δικαστήριο Εργατικών Διαφορών*), u
- Il-Qorti Militari (*Στρατοδικείο*)

Il-qrati ġenerali – Introduzzjoni

- Il-Qorti Suprema

Il-Qorti Suprema hija magħmula minn 13-il imħallef, li wieħed minnhom huwa l-President tal-Qorti. Il-Qorti Suprema għandha l-ġuriżdizzjoni li ġejja:

Qorti tal-Appell (*Εφετείο*)

Il-Qorti Suprema tisma' l-appelli kollha kontra d-deċiżjonijiet mogħtija mill-qrati tal-prim'istanza li jeżerċitaw ġuriżdizzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kriminali. Bħala regola, l-appelli jinstemgħu minn tliet imħallfin. Is-smiġħ tal-appelli huwa bbażat fuq ir-rekords tal-proċedimenti fil-prim'istanza (ħlief f'każijiet eċċezzjonali ħafna fejn ix-xhieda jstgħu jinstemgħu wkoll). Fl-eżerċizzju tal-ġuriżdizzjoni tagħha bħala qorti tal-appell, il-Qorti Suprema tista' tikkonferma, tbiddel jew iddawwar id-deċiżjoni kkontestata, jew tista' tordna proċess ġdid.

Rieżami tad-deċiżjonijiet amministrattivi

Il-Qorti Suprema għandha ġuriżdizzjoni esklużiva biex tisma' l-appelli ppreżentati kontra kwalunkwe deċiżjoni, att jew ommissjoni ta' persuni jew korpi li jeżerċitaw awtorità amministrattiva. Il-Qorti Suprema tista' tannulla kwalunkwe att amministrattiv eżekutorju li jkun sar fir-rigward ta' ksur jew użu ħażin tas-setgħat jew li jmur kontra l-liġi jew il-Kostituzzjoni.

Ċitazzjonijiet prerogattivi (*Προνομιακά Εντάλματα*)

Il-Qorti Suprema għandha ġuriżdizzjoni esklużiva biex toħroġ iċ-ċitazzjonijiet prerogattivi ta' Habeas Corpus, Mandamus, Certiorari, Quo Warranto u Projbizzjoni.

Ammiraljat (*Ναυτοδικίου είου*)

Il-Qorti Suprema għandha ġuriżdizzjoni tal-prim'istanza u tal-appell f'kawżi ta' ammiraljat. Fil-prim'istanza l-kawżi jinstemgħu minn imħallef wieħed u fl-appell, il-kawżi jinstemgħu mill-qorti sħiħa.

Petizzjonijiet elettorali (*Εκλογοδικίου είου*)

Bħala qorti elettorali, il-Qorti Suprema għandha ġurisdizzjoni esklużiva biex tisma' petizzjonijiet dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġijiet elettorali.

Kwistjonijiet kostituzzjonali

Il-Qorti Suprema għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi dwar il-kostituzzjonalità ta' kwalunkwe liġi u biex issolvi kunflitti ta' poter jew kompetenza li jinqalgħu bejn l-organi differenti tal-Istat. Il-Qorti Suprema tiddeċiedi wkoll dwar il-kostituzzjonalità tal-liġijiet li fir-rigward tagħhom il-President tar-Repubblika jeżerċita d-dritt kostituzzjonali tiegħu ta' rikors.

- Il-Qrati Distrettwali (*Επαρχιακά Δικαστήρια*)

Il-Qrati Distrettwali jismgħu fil-prim'istanza l-kawżi ċivili kollha (ħlief il-kawżi relatati mal-ammiraljat) u kawżi kriminali għal reati li jgħorru piena ta' sa ħames snin ħabs. Kull distrett amministrattiv f'Ċipru għandu Qorti Distrettwali. Il-kawżi jinstemgħu minn imħallef wieħed u ma jkunx hemm ġurija.

- Il-Qrati Kriminali (*Κακουργιοδικεία*)

Il-Qrati Kriminali jismgħu biss kawżi kriminali. Bħala regola, huma jittrattaw l-aktar kawżi serji li jinvolvu reati li jgħorru piena ta' aktar minn ħames snin ħabs. Kull Qorti Kriminali hija komposta minn tliet imħallfin. Id-deċiżjonijiet jittieħdu b'votazzjoni b'maġġoranza. Ma jkun hemm l-ebda ġurija.

Bażijiet ta' *data* ġuridiċi

Għad m'hemmx bażi ta' *data* ġuridika uffiċjali. Hemm għadd ta' bażijiet ta' *data* ġuridiċi privati, li wħud minnhom joffru servizzi lill-abbonati filwaqt li oħrajn jipprovdu aċċess bla ħlas.

Dawn jinkludu informazzjoni dwar deċiżjonijiet tal-qrati u l-leġiżlazzjoni primarja.

Ħoloq relatati

[Il-Qorti Suprema ta' Ċipru](#)

■ L-aħħar aġġornament: 22/07/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.